MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 290/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Julian Simon Borg Barthet**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tat-8.20 p.m. fi Triq San Piju, Sliema :**
**1) saq il-vettura nru. AAR-831 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);**
**2) ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni;**

**3) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura nru. AAR-831 kien involut f'accident tat-traffiku ma vettura ohra nru. KAE-679, naqas li jieqaf fuq il-post, u meta kien mehtieg, naqas li jaghti l-partikolarijiet tieghu w id-dettalji tal-vettura li kien qed isuq, mitlub bil-ligi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 t'Ottubru, 2005, li biha, wara li rat Skeda I, Kap. 65 u 3 Kap. 104, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi w ikkundannatu ghall-hals ta' multa ta' elf u mitt lira Maltin (LM1100), izda ma sabitux hati tat-tielet akkuza stante li ma rrizultatx.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 t'Ottubru, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata w filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ghat-tielet akkuza, tvarja l-piena ghall-ewwel u t-tieni akkuzi in vista tar-ragunijiet specjali w straordinarji, w taghti dik il-piena izghar li fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti jidhrila xierqa.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :-**

**1) Illi sa gimgha qabel id-data tal-incident in kwistjoni l-imputat kien effettivament jaf illi l-licenzja w l-polza tal-assigurazzjoni ma kienux rinovati w dan kien dovut ghall-fatt illi fix-xitwa li ghaddiet ossija dik bejn is-sena 2004 u s-sena 2005, li kien il-perjodu meta skadiet l-imsemmija licenzja w polza tal-assigurazzjoni huwa ghadda minn perjodu minghajr impjieg, u ghaldaqstant hu ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li ppermettietlu li jhallas il-polza kif ukoll il-licenzja tat-triq, u ghalhekk hu dahhal il-vettura gol-garage fid-dar tal-genituri tieghu sakemm ikun f'posizzjoni li jhallas dak li hu dovut sabiex din il-vettura tkun terga' tista' tibda tintuza fit-toroq pubblici;**
**2) Illi din is-sitwazzjoni nbidlet f'Mejju 2005 meta l-esponent beda mpjieg mas-socjeta' Marsovin Ltd**

**bhala Sales Manager, u ghaldaqstant wara l-ewwel paga tieghu fix-xahar ta’ Gunju huwa kien f’posizzjoni illi jhallas dak li kien dovut bhala polza w licenzja tat-triq fuq l-imsemmija vettura;**

**3) Illi precizament fl-1 ta’ Gunju, 2005, li per se din id-data hija xhieda tal-buona fede tal-esponent f’dak imsemmi hawn fuq peress illi kien ghadu kif ircieva l-ewwel paga tieghu, mar ghand is-socjeta’ Middlesea Insurance plc sabiex igedded il-polza tal-assigurazzjoni tieghu w konsegwentement ikun jista jgedded il-licenzja tat-triq tal-istess vettura;**

**4) Illi dak inhar stess huwa nghata bosta formoli li kellu jimla w li kellu jirritorna lill-istess socjeta’ Middlesea Insurance plc, flimkien mal-hlas u dan skond nota ffirmata minn Daniela Borg, impjegata tal-imsemmija socjeta’ assikuratrici, kopja ta’ liema qed tigi esebita w mmarkata “Dokument JBB1”;**

**5) Illi l-esponent kien taht l-impressjoni illi l-polza tal-assikurazzjoni tieghu kienet tibda tahdem minn dik inhar stess, u ghalhekk huwa haseb illi kellu kopertura tal-assigurazzjoni sa minn dik il-gurnata;**

**6) Illi l-ghada li sehh l-incident in ezami, ossija fis-7 ta’ Gunju, 2005, il-Pulizija gewwa l-ghassa ta’ Sliema gibdulu l-attenzjoni ghal fatt illi effettivament il-polza ma kienitx ghada mgedda w li ghaldaqstant huma kellhom jipprocedu kontra tieghu skond il-Ligi;**

**7) Illi l-esponent l-ghada stess ossija fit-8 ta’ Gunju, 2005, hallas il-pendenzi kollha fuq l-istess vettura sabiex din giet in regola kemm minn lat ta’ polza tas-sigurta’ kif ukoll minn lat ta’ licenzja tat-triq;**

**8) Illi waqt l-udjenza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-prosekuzzjoni resqet ix-xhieda taghha konsistenti f’membri tal-Korp tal-Pulizija, l-parte civile b’rigward it-tielet akkuza kif ukoll affidavit tar-Rapprezentant tal-Awtorita’ tat-Trasport;**

**9) Illi xehed ukoll l-appellant illi esebixxa animo ritirandi l-ircevuta relattiva tal-Awtorita’ tat-Trasport indikattiva tal-hlas tal-licenzja tat-Triq tal-vettura AAR 831 kopja ta’ liema qed tigi esebita w mmarkata “Dokument JBB2”, kif ukoll huwa esebixxa wkoll “animo ritirandi” l-polza tal-assigurazzjoni mgedda, kopja ta’ liema qed tigi esebita w mmarkata**

**"Dokument JBB3", kif ukoll l-imsemmija nota moghtija lilu mis-socjeta' Middlesea Insurance plc sabiex jiggustifika n-nuqqas tieghu skond l-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba kontrih;**
**10) Illi l-esponent huma tal-umli fehma illi c-cirkostanzi hawn fuq msemmija jikkonsistu fi zball genwin da parte tal-appellant u ghaldaqstant ghandhom jitqiesu bhala ragunijiet specjali w straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w li ghalhekk immeritaw illi jittiehdu in konsiderazzjoni meta nghatat is-sentenza mill-Ewwel Onorabbli Qorti fuq l-akkuzi hawn fuq imsemmija.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti. Illi in linja di massima w bhala principju generali din il-Qorti ma tidisturbax il-piena li tkun giet erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dina tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher manifestament li hi akbar minn dik li kellha tinghata, (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u bosta sentenzi ohrajn.)**
Illi f'dan il-kaz il-piena minima ghar-reat ta' sewqan minghajr polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi persuni wahdu hija ta' mhux inqas minn elf lira Maltin (LM1000).

**Illi jidher ghalhekk li l-mitt lira multa l-ohra gew erogati fuq l-ewwel imputazzjoni w din ukoll li hija piena entro l-parametri tal-ligi.**

**Illi mill-fatti kif delineati fir-rikors tal-appell johrog bic-car li ma tezisti ebda cirkostanzi specjali jew**

**straordinarja li tista' tiggustifika li tinghata piena izghar minn dik preskritt mill-ligi.**

**Anzi l-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti, minkejja li giet mitluba specifikatament li tapplika s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant, dan m'ghamlitux minkejja li suppost ghamlitu. Pero' dwar dan l-Avukat Generali ma ntavola l-ebda appell.**

**Illi ghalhekk ma hemmx lok ghal temperament fil-piena.**

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed jigi michud u s-sentenza kkonfermata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------